

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1138/2007**  
**ta' l-1 ta' Ottubru 2007**  
**rigward l-awtorizzazzjoni ta' użu ġdid ta' l-aċidu benzojku (VevoVital) bħala addittiv fl-għalf**  
**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 dwar l-addittivi għall-użu fin-nutrimenti ta' l-annimali <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 jipprovdi għall-awtorizzazzjoni ta' addittivi għall-użu fin-nutrimenti ta' l-annimali u għall-bażi u proċeduri biex tingħata tali awtorizzazzjoni.
- (2) Skond l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003, intbagħtet applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni tal-preparazzjoni stipulata fl-Anness ta' dan ir-Regolament. Din l-applikazzjoni kienet akkumpanjata mid-dettalji u d-dokumenti meħtieġa skond l-Artikolu 7(3) tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003.
- (3) L-applikazzjoni tikkonċerna l-awtorizzazzjoni ta' użu ġdid tal-preparazzjoni ta' aċidu benzojku (VevoVital) bħala addittiv fl-għalf għall-ħnieżer għat-tismin, biex tiġi kklassifikata fil-kategorija ta' l-addittivi "addittivi zootekniki".
- (4) L-użu tal-preparazzjoni ta' aċidu benzojku I (VevoVital) kien awtorizzat għall-ħnienes miftuma mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1730/2006 <sup>(2)</sup>.
- (5) Ġiet sottomessa *data* gdidha bħala appoġġ għall-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni għall-ħnieżer għat-tismin. L-

Awtorità Ewropea tas-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") ikkonkludiet fl-opinjoni tagħha tas-7 ta' Marzu 2007 li l-aċidu benzojku (VevoVital) ma jħallix effett negattiv fuq is-saħħa ta' l-annimali, is-saħħa tal-bniedem jew fuq l-ambjent <sup>(3)</sup>. Ikkonkludiet ukoll li l-aċidu benzojku (VevoVital) ma jippreżenta ebda riskju ieħor li, skond l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003, jeskludi l-awtorizzazzjoni. Skond dik l-opinjoni, l-użu ta' dik il-preparazzjoni ma għandux effett negattiv fuq dan l-annimal addizzjonali. L-opinjoni ta' l-Awtorità tirrakkomanda miżuri xierqa għas-sigurtà ta' min jużah. Hija ma tikkunsidrax li hemm il-bżonn għal rekwiżiti speċifiċi ta' sorveljanza wara t-tqegħid fis-suq. Din l-opinjoni tivverifika wkoll ir-rapport dwar il-metodu ta' analiżi ta' l-addittiv ta' l-għalf fl-għalf imressaq mil-Laboratorju ta' Referenza tal-Komunità stabbilit mir-Regolament (KE) Nru 1831/2003.

- (6) Il-valutazzjoni ta' din il-preparazzjoni turi li l-kundizzjonijiet għal awtorizzazzjoni, stipulati fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003, huma sodisfatti. Għalhekk, l-użu ta' din il-preparazzjoni għandha tiġi awtorizzata, kif speċifikat fl-Anness ta' dan ir-Regolament.
- (7) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-preparazzjoni speċifikata fl-Anness, li tiffirma parti mill-kategorija ta' addittivi "addittivi zootekniki" u mill-grupp funzjonali "addittivi zootekniki oħra", hija awtorizzata bħala addittiv fin-nutrizzjoni ta' l-annimali suġġetta għall-kondizzjonijiet stipulati f'dan l-Anness.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

<sup>(1)</sup> ĠU L 268, 18.10.2003, p. 29. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 378/2005 (ĠU L 59, 5.3.2005, p. 8).

<sup>(2)</sup> ĠU L 325, 24.11.2006, p. 9.

<sup>(3)</sup> Opinjoni tal-Bord Xjentifiku dwar l-Addittivi u Prodotti jew Sustanzi użati fl-Għalf ta' l-Annimali dwar is-sigurtà u l-effettività tal-prodott VevoVital (aċidu benzojku) bħala addittiv fl-għalf għall-ħnieżer għat-tismin skond ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003. Adottata fit-7 ta' Marzu 2007. *Il-Ġurnal EFSA* (2007) 457, p. 1-14.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 1 ta' Ottubru 2007

*Għall-Kummissjoni*  
Markos KYPRIANOU  
*Membri tal-Kummissjoni*

---

## ANNEX

Numru ta' identifikazzjoni ta' l-addittiv	Isem id-detentur ta' l-awtorizzazzjoni	Addittiv (sem kummerċjali)	Kompożizzjoni, formula kimika, deskrizzjoni, metodu analitiku.	Speċi jew kategorja ta' l-animall	Età massima	Kontenut		Dispożizzjonijiet oħra	Tmien tal-perjodu ta' awtorizzazzjoni
						minimu mg/kg ta' għalf sħiħ b'kontenut ta' umdi ta' 12 %	massimu		
<b>Kategorija ta' addittivi żootekniċi. Grupp funzjonali: addittivi żootekniċi oħra (tnaqis tal-pH urinariju)</b>									
4d210	Prodotti Speċjali DSM	Aċidu Benzojk (VevoVital)	<p>Kompożizzjoni ta' l-addittiv: Aċidu Benzojk (<math>\geq 99,9\%</math>)</p> <p>Karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva: <i>Benzencarboxylic acid, phenyl-carboxylic acid,</i> <math>C_7H_6O_2</math> numru CAS 65-85-0 Livell massimu f</p> <p>Phthalic acid: <math>\leq 100</math> mg/kg Bifenil : <math>\leq 100</math> mg/kg Metalli tqal: <math>\leq 10</math> mg/kg Arseniku: <math>\leq 2</math> mg/kg</p> <p>Metodi analitiċi (1): HPLC tal-Fażi Riversata flimkien mad-detezzjoni tad-Detezzjoni tad-Diode-Array (DAD).</p>	ħnieżer għas-simna	—	5 000	10 000	L-indikazzjonijiet għall-użu għandhom jindikaw li ġej:  Oġġetti ta' l-ikel kumplementari li fihom l-aċidu benzojku ma jistax propjament jiġi mitmugħ lil ħnieżer għat-tismin.  Oġġetti ta' l-ikel kumplementari għall-ħnieżer għat-tismin għandhom jiġu mħalta sew ma' prodotti oħra ta' għalf tar-razzjon ta' kuljum  Għas-sigurtà ta' min jużah: għandhom jittieħdu miżuri biex tiġi minimizzata l-produzzjoni ta' trab minn dan l-addittiv li jista' jidħol fil-pulmun. Folji ta' l-informazzjoni dwar is-sigurtà tal-materjal (MSDS) huma disponibbli.	22.10.2017

(1) Detallji tal-metodi analitiċi huma disponibbli fl-indirizz li ġej tal-Laboratorju ta' Referenza tal-Komunità: [www.irmm.jrc.be/crl-feed-additives](http://www.irmm.jrc.be/crl-feed-additives)